**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' MARZU, 2023**

**Kawza Numru: 20**

**Rik. Ġur. 628/2022 RGM**

**Andre Pizzuto**

**Vs**

**Emanuel Baldacchino & Co. Ltd. (C-44700)**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

B'rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta' Lulju, 2022 l-attur talab lill-Qorti:

i. Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 ta' Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara lis-soċjeta' intimata Emanuel Baldacchino & Co Ltd debitriċi tar-rikorrenti fl-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000);

iii. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000);

B'digriet tas-26 ta' Lulju, 2022 il-Qorti ordnat li rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta jidher quddiema fis-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2022 b'avviż illi jekk jonqsu milli jidhru l-Qorti tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet attriċi.

Saru diversi tentativi sabiex tiġi notifikata s-soċjeta' konvenuta tant li l-Qorti awtorizzat in-notifika bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni liema proċedura wara diversi differimenti ġiet fi tmiemha fil-15 ta' Marzu, 2023.

Meta ssejħet il-kawża fit-22 ta' Marzu, 2023 deher biss l-avukat difensur tal-attur li ddikjara li kien qed jistrieh fuq id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-provi dokumentarji annessi mar-rikors promotur.

Ma deher ħadd jirrapreżenta lis-soċjeta' konvenuta.

Irriżulta wkoll mill-atti illi ma ġietx ippreżentata nota sabiex jiġi kkontestat is-siwi ta' dawn il-proċeduri fit-termini tal-**Artikolu 170 (1) tal-Kap. 12**.

Rat l-atti.

Rat illi l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur ippremetta illi:

1. Illi fit-23 ta' Frar 2021, ir-rikorrenti Andre Pizzuto daħal f'*Contract for Civil Works* mas-soċjeta' intimata, permezz ta' liema s-soċjeta' intimata intrabtet illi twettaq xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti ġewwa 173, Triq Nazju Ellul, Gżira (kopja tal-Kuntratt hawn annessa u mmarkata **Dok AP1**);

2. Illi ai termini ta' klawżola 4 tal-*Particular Conditions* tal-Kuntratt, ir-rikorrenti ħallas għoxrin elf Ewro (€20,000) lis-soċjeta' intimata bħala depożitu għax-xogħlijiet permezz ta' ċekkijiet maħruġa mill-kumpannija DP Services Limited (C82024), ta' liema kumpannija r-rikorrenti huwa direttur u azzjonist uniku (kopja taċ-cekkijiet u tal-irċevuta hawn annessi u mmarkati **Dok AP2** u **Dok AP3**);

3. Illi skont il-klawżoli tal-Kuntratt, ix-xogħlijiet kellhom jibdew fit-22 ta' Marzu 2021 iżda minħabba nuqqasijiet attribwibbli primarjament lis-soċjeta' intimata, dan ġie pospost għas-17 ta' Jannar 2022;

4. Illi s-soċjeta' intimata naqset milli tibda l-imsemmija xogħlijiet fis-17 ta' Jannar 2022 (liema xogħlijiet baqgħu qatt ma nbdew);

5. Illi ai termini tal-Kuntratt, ir-rikorrenti nforma b'dan lill-Perit Inginier Mark Arrigo (u ċioe, il-Perit Inġinier inkarigat skont il-Kuntratt in konnessjoni max-xogħlijiet li kellhom isiru) li min-naħa tiegħu, bgħat *notice of default* ai termini tal-Kuntratt lis-soċjeta' intimata permezz ta' emejl fejn fiha nfurmahha bin-nuqqas tagħha li tibda x-xogħlijiet u kkonċedielha terminu ta' erbatax-il jum kif stipulat fil-Kuntratt sabiex tirrimedja dan (emejls hawn annessi u mmarkati **Dok AP4**).

6. Illi madanakollu, is-soċjeta' intimata naqset milli tirrimedja n-nuqqas tagħha. Għalhekk ir-rikorrenti, peremzz ta' ittra mibgħuta lis-soċjeta' intimata *tramite* l-konsulenti legali tiegħu u datata 17 ta' Ġunju 2022 mibghuta ukoll tramite email, ittermina l-Kuntratt u, talab li jingħata rifużjoni tad-depożitu mħallas minnu fl-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) (kopja tal-ittra hawn annessa u mmarkata **Dok AP5**).

7. Illi minkejja dan is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti;

8. Illi in vista ta' dan, is-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fl-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000), u dan kif jirriżulta biċ-ċar mid-dokumenti annessi ma' dan ir-rikors ġuramentat;

9. Illi dan l-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) huwa ċert, likwidu u dovut;

Illi mid-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attur u l-provi dokumentarji annessi mar-rikors promotur jirriżulta sodisfaċentement illi l-ammont reklamat mill-attur huwa dovut mis-soċjeta' konvenuta.

Illi skond Artikolu 170 tal-Kap. 12 jekk il-konvenut jibqa' kontumaċi il-qorti għandha tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta,

1. **Tilqa'** l-ewwel talba;

2. **Tilqa'** t-tieni talba, tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' għoxrin elf ewro (€20,000) imħallsa mill-attur lis-soċjeta' konvenuta b'depożitu akkont ta' xogħol li kellha tagħmel is-soċjeta' konvenuta, li per' baqa' ma ġiex eżegwit;

3. **Bl-imgħax** legali kif mitlub.

4. **Bl-ispejjeż** kontra s-soċjeta' konvenuta.

Moqrija,

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

30 ta' Marzu, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**